MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 2295/2002

***Angelo Mallia***

***vs***

***James Cutajar***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Settembru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' mija u disgha u sittin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm169.25) rappresentanti danni kkagjonati mill-konvenut f'incident stradali li sehh fl-24 ta' Gunju 2002 fi Triq in-Naxxar, B'Kara waqt li l-istess konvenut kien qieghed isuq il-vettura EAV-234 u hareg minn go *side road* ghal *main road* u b'hekk baqa' diehel fil-vettura misjuqa mill-attur bin-numru ta' registrazzjoni DAL-859. Illi l-ammont mitlub jirrappresenta in kwantu ghas-somma ta' Lm120.75, danni kkagjonati fil-vettura ta' l-attur, in kwantu ghal Lm3.50,

prezz ta’ rapport u skizz tal-pulizija, u kwantu ghal Lm45 bhala tlett ijiem telf ta’ xoghol.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra bonarja ta’ l-1 ta’Awissu 2002 u dawk ta’ l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma’ dawn il-proceduri kontra s-socjeta’ assikuratrici tal-konvenut u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fit-3 ta’ Ottubru 2002, fejn gie eccepit illi t-talba ta’ l-attur ghandha tigi michuda bl-ispejjez u dana peress illi l-konvenut ma kienx jahti ghall-incident stradali mertu tal-kawza.

Sema' x-xhieda ta’ l-kontendenti u ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti mill-attur u cioe’ d-Dokumenti mmarkati bhala AM1 sa AM7.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra:

Illi l-incident stradali mertu tal-kawza sehh fi Triq in-Naxxar, B’Kara fl-24 ta’ Gunju 2002, bejn vettura bin-numru ta’ registrazzjoni DAL-859, misjuqa mill-attur u dik bin-numru ta’ registrazzjoni EAV-234, misjuqa mill-konvenut. L-incident sehh vicin il-Four Seasons Pub, fl-imsemmija triq u cioe’ fl-inkrocju li jinsab vicin dan il-post, meta l-konvenut kien hiereg minn side road hdejn Falzon Petrol Station ghal fuq it-triq principali u cioe’ Naxxar Road, filwaqt li l-attur kien qieghed isuq fit-triq principali u cioe’ f’Naxxar Road, B’Kara, meta sehhet il-kollizzjoni bejn iz-zewg vetturi.

Il-kontendenti xehdu u taw il-verzjoni taghhom ta’ dan l-incident stradali. L-attur jikkontendi illi huwa kien tielgha Naxxar Road, B’Kara ghal habta ta’ l-erbgha u nofs ta’ nofs in-nhar, isuq fuq il-karreggjata tieghu. Kif kien ghadu kemm qabez il-Four Seasons Pub, u kien wasal fejn il-Falzon Petrol Station, il-vettura tal-konvenut harrget minn Triq Papa Piju XII u cioe’ t-triq sekondarja li tinsab biswit l-imsemmija pompa tal-petrol u baqghet diehla fih. Qabel l-

impatt huwa ma rax il-vettura tal-konvenut. Mad-daqqa l-vettura tieghu hadet skoss u giet spustjata lejn nofs it-triq, madwar hames piedi. Huwa sofra danni fil-vettura tieghu fuq il-bieba ta’ quddiem, u lejn ir-rota ta’ wara, fuq in-naha tax-xellug kif jixhdu r-ritratti esIbiti minnu u mmarkati Bhala Dokumenti AM2 u AM3.

L-attur ighid illi quddiemu kien hemm vetturi ohra, madwar zewg vetturi ‘il boghod u hu kien qieghed izomm distanza b’mod regolari. Jikkontendi illi dawn il-vetturi fl-ebda mument ma waqqfu, izda kienu *in movement*. Fil-karreggjata l-opposta, kienu ukoll gejjin vetturi ohra. L-attur ighid inoltre illi ghalkemm jaqbel ma’ l-iskizz tal-pulizija jikkontendi illi hdejn il-Four Seasons Pub kien hemm vetturi ohra ipparkeggjati.

Huwa ezebixxa is-*survey report* maghmul fuq il-vettura tieghu li gie mmarkat bhala Dokument AM4. Ezebixxa inoltre *invoice* u ricevuta li jindikaw illi t-tiswijiet fil-vettura tieghu lahhqu l-ammont ta’ Lm120 u dana skond id-Dokument AM5. Ighid illi huwa hallas ukoll Lm3.50 ghar-rapport tal-pulizija. L-attur ukoll qieghed jitlob il-hlas ghal tlett ijiem ta’ xoghol li tilef ammontanti ghal Lm45 u dana kif jixhdu id-Dokumenti AM6 u AM7. Dawn il-granet tilifhom peress illi huwa ma setax jiehu *leave* mix-xoghol sabiex imur ikellem lill-assikurazzjoni tal-konvenut u sabiex jiehu l-vettura tieghu ghat-tiswija. Huwa talab il-hlas ghal granet tat-28 ta’ Gunju, 9 ta’ Lulju u 24 ta’ Lulju 2002 u dana bir-rata ta’ Lm15 kuljum. Huwa jghid illi l-hinijiet tax-xoghol tieghu huma bejn is-7:00a.m. u is-siegha u nofs ta’ wara nofs in-nhar. Ma marx ghax-xoghol peress illi minghajr karozza huwa ma setax jaghmel dan, peress illi huwa jibda’ kmieni filghodu u f’dak il-hin ikun impossibbli li jsib mezz ta’ trasport iehor biex jasal ghax-xoghol.

Huwa joqghod B’Kara u jahdem il-Mosta, fejn jinsab l-ufficcju tal-kumpanija fejn huwa impjegat. Il-haddiema jiltaqghu filghodu hemmhekk, imbaghad wara jigu assenjati fuq il-postijiet tax-xoghol taghhom f’diversi lokalitajiet. Mill-Mosta huma jmorru fuq il-post tax-xoghol bit-trukkijiet tal-kumpanija. Dawn it-trukkijiet huma

jigbruhom filghodu mill-garaxx imbaghad jergghu jirritornawhom il-Mosta kif jispiccaw. Il-kumpanija ma taghmilx dawn it-trukkijiet ghad-disposizzjoni taghhom ghall-uzu privat.

Min-naha tieghu l-konvenut jikkontendi illi dak in-nhar ta’ l-incident, huwa kien hiereg minn Triq Papa Piju XII, vicin il-pompa tal-petrol, biex jikser ghal go Naxxar Road fid-direzzjoni lejn il-Belt Valletta. Kif wasal fil-ponta tat-triq huwa waqqaf. Il-vetturi li kienu telghin mid-direzzjoni tal-Belt sejrin lejn Hal Lija cedewlu sabiex ikun jista’ johrog, u huwa hekk ghamel. Dawn il-vetturi kienu jinsabu vicin il-Four Seasons Pub. Hekk kif huwa beda jisporgi ghal go Naxxar Road u kien diga’ qabez il-vetturi li kien waqqfulu, l-vettura misjuqa mill-attur harrget minn wara l-vetturi li kienu weqfin u baqghet diehla fih. Dawn il-vetturi li kienu cedewlu baqghu sejrin wara li sehhet il-kollizzjoni. Il-vettura tieghu garrbet hsarat fil-ponta tan-naha tax-xellug u cioe’ fil-fanal u l-*mudguard*. Id-daqqa kienet wahda zghira. Huwa jaqbel ma’ l-izkizz tal-pulizija, esibit u mmarkat bhala Dokument AM1. L-konvenut ighid illi mad-daqqa l-vettura ta’ l-attur ma waqqfitx immedjatament, izda baqghet tinsaq ftit ‘il fuq kif indikat fl-istess skizz. Fil-fatt il-vettura ta’ l-attur hakket mal-vettura tieghu. Huwa ma jiftakarx jekk kienx hemm vetturi pparkeggjati mal-genb tat-triq.

Il-verzjoni moghtija miz-zewg sewwieqa lill-pulizija, dak in-nhar ta’ l -incident hija l-istess wahda moghtija fix-xhieda taghhom f’din l-istanza.

Ikkunsidra:

Illi l-incident mertu tal-kawza sehh meta l-vettura tal-konvenut kienet hierga minn triq sekondarja u cioe’ Triq Papa Piju XII ghal fuq triq principali, Naxxar Road, B’Kara. Fuq dan hemm qbil bejn il-partijiet. Li ma hemmx qbil bejn iz-zewg verzjonijiet huwa dwar il-fatt jekk il-konvenut harigx ghal fuq it-triq principali wara li kienu cedewlu xi vetturi o meno. L-attur jikkontendi min-naha tieghu illi l-vetturi li kienu jinsabu quddiemu fl-ebda mument ma

waqqfu izda baqghu dejjem *in motion* u hu dejjem baqa' jsuq fuq il-karreggjata tieghu.

Illi stabbilit ghalhekk illi l-konvenut kien *side road user*, filwaqt li l-attur kien *main road user*, it-Tribunal irid jasal biex jiddeciedi x'kienet il-kawza prossima ta' l-incident u fuq minn kien jinkombi r-responsabbilta' ghall-istess.

Illi hija gurisprudenza kostanti tal-qrati taghna illi tinkombi responsabbilta' kbira fuq *side road user* li qieghed jintenta johrog fuq triq principali u li dan irid jiehu l-prekawzjonijiet kollha u jzomm *a proper lookout* qabel ma jaghmel din il-manuvra. Mhux biss hekk izda kwalunkwe *side road user* irid jaccerta ruhu illi bl-ebda mod ma jfixkel is-sewqan ta' l-utenti fuq it-triq principali. Illi ghalhekk bla ebda dubbju l-konvenut kellu l-obbligu illi ma jazzardax johrog mit-triq sekondarja fejn kien jinsab qabel l-impatt qabel ma jaccerta ruhu li seta' jaghmel dan bla ma jkun ta' perikolu ghat-traffiku li kien jinsab fuq it-triq principali.

Il-Highway Code jammonixxi: "*Proceed with special care when coming from a minor road into a major road and give way to traffic on the major road. Unless you have a clear view of the major road in both directions, stop just before entering the carriageway of the major road*."

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Ottubru 1999 fl-ismijiet "*Cecil Ellul vs Joseph Muscat"*, jinghad is-segwenti:

"Ghandu jkun ghalhekk car li jekk jigi accettat, kif qed taccetta din il-Qorti, li l-konvenut appellat kien *a minor road user*, dan kien obbligat li josserva bi precizjoni r-regolamenti li kienu jimponu fuqu l-obbligu li jaghti d-dritta lit-traffiku fuq it-triq principali mnejn kien qed isuq l-attur appellant. Dawn jinkludu: (a) li jersaq b'attenzjoni kbira lejn l-inkrocju bil-hsieb li jaccerta ruhu li bil-fatt biss li jkun ser jirfes fuq it-triq principali ma kienx sejjer ifixkel it-traffiku fuq dik it-triq; (b) li jaccerta ruhu li ma kienx hemm traffiku fuqha, jew almenu, jekk kien hemm traffiku, kien tant 'il boghod li l-hrug tieghu fuqha ma kien bl-ebda mod se jfixkel lil dak it-traffiku; (c) li ccaqlaq ghal fuq il-

karreggjata principali bil-mod il-mod *inching out* u jekk mehtieg, jieqaf ghal kollox biex jesplora dik it-triq u biex jistenna lit-traffiku jghaddi."

Illi minn ezami tal-provi jirrizulta illi l-kawza prossima ta' l-incident kienet il-manuvra tal-konvenut li intenta johrog minn triq sekondarja ghal go triq principali. Illi anke jekk wiehed kellu ghal grazzja ta' l-argument jemmen il-verzjoni moghtija mill-konvenut u cioe' illi huwa hareg hekk kif cedewlu xi vetturi li kienu jinstabu fuq it-triq principali, dana certament ma inaqqasx mir-responsabbilta' tieghu illi joqghod ferm attent illi hekk kif jisporgi ghal fuq it-triq principali ma hux qed ikun ta' ostakolu ghall-utenti l-ohra ta' din it-triq. Illi anke kieku stess l-attur haseb, kif qed jikkontendi l-konvenut li l-vetturi ta' quddiemu waqqfu u ghalhekk hu seta' jissorpasshom, ma hemm l-ebda indikazzjoni, madanakollu, illi din kienet xi manuvra azzardanti min-naha tieghu li setghet b'xi mod tkun ta' ostakolu ghall-utenti l-ohra tat-triq, tant illi jista' jigi kklassifikat bhala *main road abuser*.

Illi ghalhekk, it-Tribunal, ma jhossx illi hemm bizzejjed provi konvincenti li jistghu jwassluh ghal konkluzjoni illi l-attur kien *main road abuser* u li ghalhekk kellu xi responsabbilta' ghall-incident mertu tal-kawza jew inkella li kien hu l-kawza prossima ta' dan l-incident. Illi l-attur isostni illi huwa dejjem baqa' isuq fi triqtu wara vetturi ohra li kienu qeghdin jinsaqu quddiemu meta f'daqqa wahda sab il-vettura tal-konvenut fuqu.

Illi kif gie stabbilit iktar 'il fuq il-konvenut kellu r-responsabbilta' li joqghod ultra attent illi hekk kif kien ser jisporgi ghal fuq it-triq principali ma kienx ser ikun ta' perikolu ghat-traffiku l-iehor tat-triq. Illi anke fl-eventwalita' illi cedewlu xi vetturi sabiex johorg, dan certament ma jfissirx illi huwa seta' jabqad u johrog, qiesu nghata xi *go ahead*, minghajr ma joqghod attent, u kellu jisporgi bil-mod biex jassikura ruhu illi ma hemmx traffiku iehor gej minn kwalunkwe direzzjoni fuq it-triq principali.

Illi anke n-natura tal-hsarat rapportati fil-vetturi rispettivi tal-partijiet kif ukoll il-posizzjoni li fiha spiccaw il-vetturi wara l-kollizzjoni jimmilitaw kontra l-konvenut ghaliex, kieku stess kien minnu illi l-vettura ta’ l-attur kienet qieghda tissorpassa vetturi ohra u allura kienet qed tinvadi l-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni l-opposta, allura din kienet tispicca fuq in-naha l-ohra tat-triq mal-kollizzjoni u mhux fin-nofs kif indikat fuq l-iskizz tal-pulizija.

Illi rigward il-*quantum* tal-hsarat, jidher illi l-uniku kontestazzjoni li hemm, ghalkemm il-konvenut ma jaghtix eccezzjoni formali f’dan is-sens, hija rigward il-Lm45 li gew imnaqqsa mis-salarju ta’ l-attur, fil-granet illi huwa ma marx ghax-xoghol peress illi l-vettura tieghu kienet tinsab ghat-tiswija. Illi fuq bazi ta’ ekwita, t-Tribunal ma jhossx illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas dan l-ammont u dana peress illi fl-ewwel lok ma ngiebetx prova cara illi f ‘dawk il-granet il-vettura ta’ l-attur kienet verament ghat-tiswija u inoltre ghandu jinghad illi t-Tribunal ihoss illi l-attur seta b’xi mod isib trasport alternattiv sabiex huwa jkun jista’ imur ghax-xoghol f’dawn il-granet. Illi ghalhekk it-Tribunal, huwa konvint illi f’dan ir-rigward l-attur seta’ certament jimminimizza d-danni, kif kien dover tieghu li jaghmel u l-konvenut ma ghandux ibati ta’ dan in-nuqqas min-naha ta’ l-attur.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi, billi filwaqt li jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali li sehh fl-24 ta’ Gunju 2002 gewwa Naxxar Road, B’Kara, ighaddi biex filwaqt li jirrespingi l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa’ t-talba attrici limitatament ghas-somma ta’ mija u erbgha u ghoxrin liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (LM124.25) u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur din is-somma, cioe’ Lm124.25, rappresentanti d-danni sofferti mill-attur fil-vettura tieghu u l-ispejjez inkorsi minnu ghar-rapport u l-iskizz tal-pulizija, bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma’ l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

---------------------------------TMIEM---------------------------------